# IS-SEMIN U L-ILSIEN TAGħHOM

Mita bniedem jinħtieġlu jitgħallem xi lsien barrani, tarah jaqbad grammatka ta' dak l-ilsien, jitgħallimha, jibda jaqra u jfisser kotba minn dak l-ilsien għal ilsienu, sa kemm iħossu li jkun tgħallem biż-żejjed dak l-ilsien. Iżda b'daqshekk ma jkunx wasal sabiex jara sewwa x'jista' wieħed jitgħallem minn ilsien. Jekk dan il-bniedem jiġi mistoqsi ta' liema nisel huwa l-ilsien li jkun tgħallem, kemm hija twila l-ġrajja tiegħu, fejn u min kien bih jitkellem u mistoqsijiet oħra bħal dawn, aktarx ma jwieġbek xejn. Dana jiġri, il-għaliex mhux kull min jaf ilsien, kemm jiktbu u jitħaddtu, jista' jara' dak kollu li l-ilsien ikun jiġbor ġewwa fih. Il-Grammatka hija kodiċi ta' liġijiet sabiex turik taqra u tikteb tajjeb, imma xejn ma ssemmilek fuk il-bidu, il-ħajja u l-ġrajja ta' l-ilsien. Biex tkun taf dawn il-ħwejjeġ trid tgħaddi għal tagħlim ieħor, li huwa l-*filoloġija* jew *lingwistika*. Li wieħed jitgħallem ilsien fuq il-grammatka hija *sengħa*, li wieħed jitgħallem ilsien skond il filoloġija hija *xjenza*.

Ix-xjenza tal-filoloġija ma hix wisq qadima. Il-għorrief ta' ftit snin ilu, xejn ma kienu ħabblu moħħom fuq dan it-tagħlim; iżda l-lum il-filoloġija hija waħda mix-xjenzi li l-aktar imxew il-quddiem, u li kixfu għal għajnejna tagħrif l-aktar sabiħ u ta' fejda fuq l-eqdem żmenijiet. Hija għażlet l-ilsna, ħajjin u mejtin, li l-lum nafu bihom, minn xulxin u għaqqdithom f'razzez, uriet kif ilsien huwa mnissel minn ieħor, liema huwa l-eqdem u xi ġrajja kellu, min kien u fejn kien jitħaddet b'dan jew dak l-ilsien, eċċ.

Nistgħu aħna nafu bil-filoloġija jekk l-ilsna kollha humiex ġejjin minn ilsien wieħed? Fost il-għorrief min iwieġeb "iva", u min "le". Iżda kull ħadd jaqbel u jgħid li kull razza hija qadima ħafna u għalhekk il-filoloġija tmur iżjed fil-bogħod minn l-Istorja u tidħol fi żmenijiet il-Pre-istorja.

Iż-żmien li minnu titħaddet l-Istorja jibda minn dak il-jum li fih il-bniedem beda jħalli bil-miktub xi tifkira tiegħu. Iż-żmien ta' qabel, li fih il-bniedem ma kienx jaf jikteb, huwa żmien il-Pre-istorja. U billi l-kitba ma daħlitx kullimkien f'ħin wieħed, insibu, li għal xi nies l-Istorja tibda aktar kmieni, milli tibda għal oħrajn. Il-Babiloniżi kienu jiktbu 5000 sena qabel Kristu, għalhekk għalihom

l-Istorja tibda kmieni; għad hawn nies fid-desert li sallum għadhom ma kitbu xejn, u għal dawn l-Istorja għadha ma bdietx!

Iżda jekk il-filoloġija għandha tifli u tqabbel l-ilsna ma' xulxin, kif wieħed jista' jkun jaf x'ilsien kienu jitħaddtu dawn jew dawk in-nies fiż-żmien tal-Pre-istorja, mita huma ma ħallewlna xejn miktub? It-tweġiba ma hix wisq tqila. Jekk aħna ma nafux x'kienu jitħaddtu dawn jew dawk in-nies qabel ma bdew jiktbu, aħna nafu x'kienu jitħaddtu wliedhom mita dawn bdew jiktbu, u lsien l-ulied huwa wirt missirijiethom; għalhekk minn ilsien l-ulied aħna nagħirfu ilsien il-missirijiet. Jista' wkoll jiġri li lsien jintilef, u mita dan jiġri, kif aktarx ġara, l-ebda tama ma għandna li nistgħu nsibuh. Jista' wkoll jitħalltu ma' oħrajn, iżda dana jinagħraf malajr, jekk l-ilsna li minnhom ikun imħallat ikunu magħrufin.

Minn dan, aħna nistgħu naraw li minn l-ilsien ta' għaqda ta' nies nistgħu nagħirfu xi ħaġa fuq in-nisel tagħhom. Iżda għal din il-ħaġa huwa meħtieġ li nifthu għajnejna sewwa; il-għaliex kif igħidilna sewwa ħafna De Morgan, l-ilsien ma hux ħaġa waħda man-natura tar-razza, iżda huwa tagħlim — u għalhekk kull bniedem ta' kull razza, jista' jitgħallmu,— is-snajja' wkoll huma bħal l-ilsien, jiġifieri ma għandhomx x'jaqsmu mal-għamla fisika tal-bnedmin li jitgħallmuhom (1). Hija għalhekk ħaġa magħrufa minn kullħadd, li l-ilsien ma għandux dejjem x'jaqsam man-nisel, jiġifieri min jitħaddet ilsien semi, ma hux dejjem ta' nisel semi; il-għaliex jista' jkun li għaqda ta' nies tiġi mixruba minn għaqda ta' nies ta' nisel ieħor u b'hekk titlef ilsien in-nisel tagħha u tieħu lsien in-nisel li fih tkun inxorbot. Il-ġrajja tal-Kopti jew Eġizzjani (2) tatina l-isbaħ xhieda ta' dan. Il-Kopti ma humiex semin imma ħamin (3). Mita s-semin bdew jixterdu fil-Qangħan, ħabta ta' 2,500 sena qabel Kristu, xi wħud minnhom bdew deħlin fl-Eġittu wkoll u taħt id-

(1) "*Le parler ne correspond pas à la nature ethnique d'une race, mais bien à une culture intellectuelle, et les industries sont dans les mêmes conditions que la langue, c'est-à-dire indépendantes de la forme physique des hommes qui les exercent.*" Jacques de Morgan, La Préhistoire Orientale, Tom. I, p. 173, Paris, 1925.

(2) Kopti u Eġizzjani hija kelma waħda kif jidher sewwa jekk aħna inneħħu l-vokali u nqabblu l-konsonanti: Kopti = K P T; (Eġizzjani (Egypt) G P T. K. u G. fis jittieħdu minn flok xulxin.

(3) Hamin, jiġifieri wlied Ham wieħed mit-tlitt itfal ta' Noħ (Noé). Ara Gen. 10—6.

dinastja XIII u XIV saru hekk qawwija, li ħadu f'idejhom is-saltna u ġew imsejħa Hyksos (Dinastia XV, XVI u XVII). Il-Hyksos, li kienu semin (4), tilfu għal kollox l-ilsien semi, kif ukoll id-drawwiet tagħhom u saru jixbhu f'kollox lil l-Eġizzjani. Bil-maqlub ġara mita l-Għarab (semin), taħt id-din ta' Moħammed, ħadu f'idejhom l-Eġittu. Huma daħħlu kullimkien ilsienhom, u l-ilsien Kopti ntilef minn ħalq in-nies u baqa' biss fil-kotba. Il-lum l-Eġizzjani (Kopti u Għarab) jitħaddtu l-koll il-għarbi. Minn dan naraw l-ewwel l-ilsien semi mixrub mill-kopti, inbagħad il-kopti mixrub mill-għarbi. Mela, inżommuha tajjeb, l-ilsien mhux dejjem għandu x'jaqsam ma' nisel in-nies li jitħaddtuh; imma niftakru wkoll li l-filoloġija, mita taqbel ma xjenzi oħra, tista' wkoll tkun xhud u turi n-nisel ta' għaqda ta' nies.

Fost dawn ix-xjenzi, aħna nsemmu l-ewwelnett l-*Etnografija*, li hija x-xjenza li tifli fil-fdal, li nsibu taħt l-art, ix-xogħol tan-nies li għexu fiż-żmenijiet li għaddew. Iżda, kif għedna fuq, is-snajja' wkoll huma bħal l-ilsien, jiġifieri tagħlim li bniedem ta' kull razza jista' jitgħallimhom. Għalhekk l-Etnografija biss, ma hix biż-żejjed biex nitħaddtu fuq dan jew dak in-nisel ta' nies.

Kienet tkun ta' dawl kbir għalina, li kieku ma kenitx għadha fil-bidu tagħha, l-*Antropoloġija*. Din ix-xjenza tifli l-għadam tal-bnedmin li għexu fl-eqdem żmenijiet, kif ukoll ta' dawk li għadhom ħajjin. Hija tara sewwa d-daqs u l-għamla, u b'hekk tasal sabiex tifred razza ta' bnedmin minn l-oħra. Iżda huwa meħtieġ ingħidu li l-għorrief għadhom bil-bosta mħawdin u ma jaqblux wisq bejniethom f'din ix-xjenza.

Mita bil-filoloġija, bl-etnografija u bl-antropoloġija jirnexxilna nqassmu minn l-aħjar li nistgħu l-biċċa l-kbira tan-nies f'għaqdiet ta' nisel wieħed, hemm inbagħad l-*Etnoloġija*, li tmur tlaqqa' nisel ma' ieħor u taħdem kemm

(4) Fil-"Malti" ta' dis-sena p. 109, il-Hyksos ġew imsejħa Hittim. Dan ma hux sewwa. Il-Hyksos u l-Hittim, aħjar, Hatti, huma żewġ għaqdiet, nies, li ma humiex ta' nisel wieħed. Il-Hyksos huma semin, li ħadu d-drawwiet ta' l-Eġizzjani u saltnu fl-Eġittu; il-Hatti, fil-Kotba Mkaddsa msejħa *Hethaei* huma *arin*, kienu jgħammru l-Asja ż-żgħira, fejn waqqfu saltna qawwija ħafna, li żammet għal bosta snin lil l-Assiri magħluqa fil-Mesopotamja. Għandna ħafna fdal tal-Hatti u fuħħar u bronż miktub ukoll. Huma kienu jiktbu bil-Cuneiformi, l-ilsien tagħhom huwa *ari*, għandu mill-grieg, iżda għadu ħadd ma qrah sewwa. Nittamaw li f'qasir żmien inkunu nafu wisq iżjed fuq dawn in-nies li kienu bil-bosta qalbiena.

tista' sabiex turi jekk il-bnedmin humiex kollha mnisslin minn bniedem wieħed *(monoġeniżmu)*, jew minn ħafna, li ma humiex imnissla minn xulxin *(poliġeniżmu)* (5).

Minn dan aħna naraw ta' liema fejda huwa dan it-tagħlim li jwassalna sabiex nitħaddtu fuq il-bidu tal-bnedmin.

Jekk il-filologu jsib il-materjal tax-xjenza tiegħu f'ħalq in-nies (għal l-ilsna ħajjin), u fl-iskrizzjonijiet qodma (għal ħafna ilsna mejtin), il-pre-istoriku għal l-etnoloġija, l-etnografija u l-antropoloġija jsib il-material tiegħu taħt l-art. Dan imur b'reqqa kbira jħaffer xi post, fejn jaħseb li kien hemm xi belt qadima, u jifli sewwa kull ma jsib, fdal ta' bini, ċaqquf, ġebel maħdum jew miktub, għadam, eċċ..... Huwa jħażżeż sewwa dak li sab, kif u fejn sabu, iqabblu ma' ħwejjeġ oħra li kienu nsabu qabel, hekk fejn ikun hu, kemm ukoll bnadijiet oħra, u minn dan jitgħallem ħafna ħwejjeġ li qatt ħadd bihom ma kien jobsor. B'dan ix-xogħol, il-lum, it-tagħlim fuq iż-żmenijiet qodma kiber bosta, u xejn ma hawn isbaħ fid-dinja, minn dan, li tara kif il-bniedem, mill-bidu tiegħu, beda jitħabat sabiex igħaddi dejjem il-quddiem. Aħna naraw il-bniedem jixtered mad-dinja, jinfired f'razzez, ibiddel ilsienu, jieħu drawwiet u jsib tagħlim, li jagħmlu kull għaqda ta' nies tgħix għal rasha. "*C'est un roman grandiose*, igħidilna De Morgan, *qui se deroule devant les yeux de celui qui sait voir. C'est une incomparable pièce de théâtre, dont l'univers est la scène et dont l'umanité fournit les acteurs*" (6).

Aħna fi ħsiebna ngħidu xi ħaġa minn dak, li dan it-tagħlim ġdid, jurina fuq is-semin ; il-għaliex is-semin għan-

(5) Aħna l-kattoliċi għandna nżommu dejjem il-*monoġeniżmu* mħabba fid-Din Imqaddes tagħna. Fil-Kotba Mqaddsa, li la fihom qerq u l-anqas jistgħu jqarqu, naqraw li Alla ħalaq bniedem wieħed, u li minnu twieldu l-oħrajn kollha. L-Appostlu Missierna San Pawl igħalimna li d-dnub daħal fid-dinja minn bniedem wieħed u li jittieħed minn kull wieħed minna fit-tnissil tiegħu. Mela la kull ħadd jitwieled bid-dnub, kull ħadd huwa bin Adam.

Jekk aħna nħallu fil-ġenb id-din tagħna, bid-dehen li tana Alla nistgħu naraw li l-*monoġeniżmu* għandu jirbaħ. L-ewwel u l-aqwa xhieda ta' dan hija li bniedem u bniedma li ma jkunux ta' nisel wieħed, twieldu sewwa bħal dawk ta' nisel wieħed *(eugenesi)*; bil-maqlub jiġri fil-bhejjem li ma jkunux ta' *speċi* waħda *(kakogenesi)*. Barra minn dan, il-bnedmin kollha, ta' kull nisel, jixxiebhu fl-aqwa ħaġa, li hija d-dehen; il-koll għand-hom setgħa waħda tal-fehma, mela huma l-koll ta' speċi waħda, u ġejjin minn nisel wieħed. Immela, li nisel wieħed jintagħżel minn ieħor, ma hux ġej mill-*poliġeniżmu*, imma minn l-art, klima, ikel, drawwiet eċċ... għax mhux kullħadd igħix xorta waħda.

(6) J. De Morgan, op. cit., p. XIX.

dhom ħafna x'jaqsmu magħna, jekk mhux għal ħaġa oħra, imħabba f'ilsienna. Aħna wrejna li l-ilsien malti huwa semi, u li għandu x'jaqsam mal-feniċju, mal-puniku u ma' l-għarbi (7). Huwa għalhekk xieraq li aħna naraw xi ħaġa l-ewwelnett fuq l-Etnoloġija semija, sabiex inkunu nafu kif is-semin huma mnisslin minn xulxin; inbagħad naraw xi ħaġa fuq l-ilsna semin, il-għaliex kull fergħa ħadet bixla għaliha. Iżda qabel xejn huwa meħtieġ li ngħidu xi ħaġa fuq art is-semin, sabiex inkunu nafu sewwa fejn aħna.

*(Jissokta)* **P. Serafin M. Zarb O. P.**

(7) Il-Malti, 1926, pp. 39-46.—Fl-aħħar ħarġa tal-"Malti", pp. 85-88, is-sur A. Cremona, qal xi kelmtejn, għal dak li jiena ktibt fuq l-ilsien malti. Jiena ma kienx fi ħsiebi nwieġbu għal issa, għaliex il-quddiem għad nitħaddet iżjed fit-tul fuq din il-ħaġa, iżda deherli li jkun ta' ġid lill-qarrejja tal-"Malti", ingħidilhom minn issa xi ħaġa. Is-sur Cremona kiteb: "Qabel " ma nagħlaq xtaqt intarraf ħaġa oħra: ħaġa mill-bqija, il-lum qadima ħafna " u li kull min jinxeħet biex ixebbah ilsien ma' ieħor iktarx iżommha f'rasu. " Ix-xebh u t-taqbil ma għandux isir minn ilsien klassiku jew letterarju "għal-lsien imkellem, imma minn ilsien imkellem għal ieħor imkellem" (p. 87). Dan il-kliem huwa ftit iebes u fuq kollox mhux minnu! Ilsien klassiku u lsien imkellem huma lsien wieħed u ma hemmx għarbi klassiku ilsien għalih u għarbi mkellem ilsien ieħor. L-ilsien imkellem jingħażel minn l-ilsien klassiku billi aktarx ikun iżjed ħafif, jaqta' xi vokali, iqassar xi kelma, u jgħid xi kliem aktarx barrani. Il-Professur Basiliu Cattan, fil: "*Grammatica elementare della Lingua Araba,*" Roma, 1912, p. IV, hekk mar jikteb: "*A me, arabo di nascita, sia concesso di protesta e contro l'affermazione, da alcuni diffusa, che esistono due specie, per dir così, di arabo : l'arabo letterario e l'arabo volgare. La lingua araba è una sola, e se nella lingua* Parlata *la pronunzia di alcuni suoni vocali e di alcuni lettere, differisce dalla pronunzia alfabetica o letteraria, se alcune parole si elidono nel discorso famigliare e nei rapporti da individuo a individuo, ciò non vuol dire che l'arabo parlato sia una lingua o un dialetto a sè*".

Is-sur Cremona kiteb ukoll: "Il-Ġrajja ta' Malta u l-ifdal ta' l-oqbra " u ta' xi skrizzjonijiet puniċi ma humiex biż-żejjed biex fuqhom nistgħu " niġbdu u nirfdu dan il-ħsieb. Tinħtieġ xhieda iżjed sħiħa u qawwija li "jaħasra ma tinstabx fl-ifdalijiet tal-feniċ u tal-puniku" *(ibid)*. Jiena ma għedx li l-malti, JEKK *ma huwiex għarbi* MA JISTAX IKUN HLIEF FENIĊJU JEW PUNIKU, imħabba fl-ifdalijiet tal-feniċ u tal-puniku; imma l-għaliex il-Maltin damu jitħaddtu l-feniċju mill-1500 sena qabel Kristu sa 870 sena wara Kristu, jiġifieri għal 2,370 sena, u damu taħt il-Għarab 200 sena biss. Jien, għalħekk, jidhirli li tinħtieġ xhieda iżjed sħiħa u qawwija sabiex tgħid, li l-ilsien għarbi f'200 sena tefa għal kollox l-ilsien malti (feniċju u puniku) li kellu ħajja ta' 2,370 sena!

Fl-aħħarnett mita s-sur Cremona kiteb: " Issa wara kollox, jekk il-malti "għandu l-kliem tiegħu semi jaqbel kollu kemm hu mal-għarbi, ma "għandna għalfejn nistagħġbu xejn jekk fil-kliem malti nsibu xi xebh " ma' l-assûr, mas-sirjàk ma' l-etijopiku ma' l-aramajk u saħansitra mal-"lhudi u għalhekk mal-feniċ ukoll" (p. 86), jidhirli li kabbarha ftit mita qal: li "*l-Malti għandu l-kliem tiegħu semi jaqbel* KOLLU KEMM HU MAL-GHARBI". Hemm kliem semi fil-malti li żgur ma humiex ġejjin mill-għarbi u għalhekk aħna nistgħu nwieġbuh: *retorqueo argumentum*: Jekk il-malti għandu l-kliem tiegħu semi jaqbel mal-feniċju u mal-puniku, ma għandna għalfejn nistagħġbu xejn jekk fil-kliem malti nsibu xi xebh mal-għarbi.